

V

(Avviżi)

**PROĊEDURI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA
TAL-KOMPETIZZJONI**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8772 — Borealis/NOVA Chemicals/Total/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 82/04)

- Fit-23 ta' Frar 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Borealis AG (“Borealis”, l-Awstrija), ikkontrollata b'mod konġunt ma’ Mubadala Investment Company (“Mubadala”, Abu Dhabi) u OMV AG (l-Awstrija),
- NOVA Chemicals Corporation (“NOVA”, il-Kanada), proprjetà kollha kemm hi ta’ Mubadala,
- Total SA (“Total”, Franzja), u
- Bayport Polymers LLC, (il- “JV”, l-Istati Uniti tal-Amerika).

Borealis, Nova u Total jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdien il-kontroll konġunt tal-joint venture (JV).

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta’ xiri ta’ ishma f’kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f’joint venture.

2. L-aktivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- l-impriżja Borealis: il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-poljolefina, il-kimiċi bażiċi u l-fertilizzanti,
- l-impriżja PAI: il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-ethylene, il-polyethylene u styrene u l-koprodotti tagħhom,
- l-impriżja Total: involuta fl-industrija taż-żejt u l-gass kif ukoll f’setturi oħra tal-enerġija,
- il-JV: il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-polyethylene.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista’ taqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdien. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta’ ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (²) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista’ jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista’ jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdien”).

(²) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi spċifikata:

M.8772 — Borealis/NOVA Chemicals/Total/JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
